IL-KNISJA PARROKKJALI TA' ĦAL GĦAXAQ

# L-istorja tar-restawr tal-vara artistika u devota ta' San Ġużepp

## Wara nuqqas ta' sena u erba' xhur l-istatwa ta' San Ġużepp reġgħet daħlet lura fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Għaxaq

Jekk is-sena 2021 għall-poplu Malti u Għawdxi hija sena kwalunkwe, żgur li għalina l-Ġużeppini Għaxqin hija sena li se tibqa' mnaqqxa b'ittri kbar tad-deheb ġewwa qalbna u anke fl-istorja glorjuża tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp flimkien mal-fratellanza ta' San Ġużepp. Kien ilu jinħass il-bżonn li jsir intervent fuq din l-istatwa u fuq il-pedestall, għalhekk saru diversi diskussjonijiet bejn il-kumitat tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp u l-fratellanza flimkien mar-restawraturi Michael u Adonai Camilleri Cauchi, kif ukoll mal-induraturi Mario, Ruben u Austin Camilleri Cauchi biex seta' jsir ir-rapport meħtieġ u eventwalement jitressaq quddiem l-awtoritajiet ekkleżjastiċi u jkun jista' jsir ir-rikors.

L-istatwa ta' San Ġużepp meqjuma fil-parroċċa ta' Ħal Għaxaq hija xogħol id-ditta Fratelli Bertarelli ta' Milan, u ħadet post oħra li nsibu ġewwa s-sede tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp. L-istatwa waslet f'Malta f'Novembru tal-1932. Din l-istatwa preżenti nħarġet proċessjonalment għall-ewwel darba fil-festa li kienet saret f'Mejju tas-sena ta' wara 1933. Il-pedestall kien sar xi ftit taż-żmien wara b'disinn ta' Karmenu Tonna mir-Rabat Malta. Ta' min isemmi wkoll li Tonna għamel ukoll id-disinn tal-bradella, il-bankun u l-forċini.

Eżattament nhar l-Erbgħa 25 ta' Settembru tal-2019, l-istatwa ta' San Ġużepp inħarġet mill-knisja parrokkjali biex taqbad triqitha lejn il-gżira Għawdxija għan-Nadur għand ir-restawraturi Michael u ibnu Adonai Camilleri Cauchi. Ġewwa l-Għarb, l-induraturi Mario u wliedu Ruben u Austin Camilleri Cauchi, ħadu f'idejhom il-pedestall ta' San Ġużepp sabiex ikunu jistgħu jibdew ix-xogħol mill-ġdid tal-induratura fuqu.

Is-sena 2020 żgur li ser tibqa' f'moħħ kulħadd minħabba li l-pandemija tal-COVID-19 affettwat lid-dinja kollha u lil pajjiżna wkoll. F'Ħal Għaxaq kienu maħsuba li jsiru festi kbar għal din l-okkażjoni unika, iżda kollox kellu jiġi mħassar minħabba din l-istess pandemija. Il-ħsieb oriġinali kien li r-restawr ta' din l-istatwa u l-pedestall jiżżanżnu proprju ftit qabel il-festa tas-sena 2020, li matulha kien ser jiġi ċċelebrat ukoll l-anniversarju tant importanti tal-150 sena minn meta l-patrun San Ġużepp ġie pproklamat mill-Papa Piju IX bħala l-patrun tal-Knisja Universali.





L-istatwa ta' San Ġużepp meqjuma fil-parroċċa ta' Ħal Għaxaq, hija xogħol id-ditta Fratelli Bertarelli ta' Milan, u waslet f'Malta f'Novembru tal-1932

Fit-8 ta' Diċembru li għadda l-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku ħareġ ittra appostolika bl-isem *'Patris Corde'* jew aħjar 'B'Qalb Ta' Missier', u ddikjara s-sena 2021 bħala s-sena internazzjonali Ġużeppina. Kien għalhekk li l-kumitat ċentrali tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp ħataf l-opportunità u beda jaħdem qatigħ biex jagħti bidu għal dawn ic-ċelebrazzjonijiet fil-parroċċa Għaxqija permezz tal-miġja lura tal-istatwa ta' San Ġużepp ġewwa r-raħal. B'hekk tħejja programm apposta b'koordinazzjoni mal-kappillan ta' Ħal Għaxaq Dun Andrew Schembri kif ukoll mal-kapitlu tal-parroċċa tal-Katidral tar-Rabat Għawdex.

### Fit-8 ta' Diċembru li għadda l-Papa Franġisku f'ittra appostolika 'B'Qalb Ta' Missier', iddikjara s-sena 2021 bħala s-sena internazzjonali Ġużeppina

Kien proprju s-Sibt 23 ta' Jannar meta permezz ta' Akkademja Mużikali 'B'Qalb ta' Missier' il-banda San Ġużepp, taħt id-direzzjoni tas-surmast Għaxqi Reno Busuttil, daqqet ġewwa l-Katidral tar-Rabat Għawdex. Mad-daqq tas-silta 'Fanfare of Saint Joseph' b'kompożizzjoni tal-istess surmast Reno Busuttil, l-istatwa ta' San Ġużepp ġiet mikxufa għall-ewwel darba fost iċ-ċapċip u l-ferħ tan-nies preżenti.

L-għada l-Ħadd 24 ta' Jannar ġiet iċċelebrata quddiesa pontifikali li fiha ħa sehem il-kapitlu kollu tal-Katidral immexxi mill-Arċidjaknu Mons Tarċisju Camilleri, mill-Arċipriet tal-Katidral Mons Joseph Sultana flimkien mal-Kappillan ta' Ħal Għaxaq, il-Kanonku Dun Andrew Schembri. Wara din l-istess quddiesa pontifikali, l-istatwa ta' San Ġużepp ġiet merfugħa mill-fratelli Ġużeppini u mxiet mill-Katidral sal-bieb taċ-Ċittadella biex eventwalment qabdet triqitha lura lejn Malta.

Wara nuqqas ta' sena u erba' xhur, il-Ħadd filgħaxija, fl-24 ta' Jannar, l-istatwa ta' San Ġużepp reġgħet daħlet lura fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Għaxaq. Matul il-ġimgħa ta' bejn il-25 u l-31 ta' Jannar, saru katekeżi dwar il-ħajja u l-persuna ta' San Ġużepp mqabbla wkoll mal-ħajja tal-lum. Dawn il-laqgħat tmexxew b'mod tajjeb u professjonali minn Patri Raymond Calleja, kappillan tal-parroċċa tal-Fgura.

Is-Sibt 30 ta' Jannar ġiet ikkonċelebrata quddiesa fil-knisja parrokkjali mill-kappillan tal-parroċċa u minn Dun Joe Inguanez.

Dawn il-festi ġew fi tmiemhom il-Ħadd 31 ta' Jannar fejn il-komunità Għaxqija b'membri tal-kumitat, soċi u partitarji, flimkien mal-fratellanza Ġużeppina ħadu sehem fil-quddiesa pontifikali taħt il-patroċinju tal-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta George Vella. F'din il-quddiesa qaddes u ppritka l-kappillan tal-parroċċa, il-Kanonku Dun Andrew Schembri. F'diskors qasir fi tmiem il-quddiesa, il-Kappillan irringrazzja lil kull min kellu sehem f'dan il-proġett ta' restawr.

Żgur u mhux forsi li dawn is-16-il xahar li għaddew ma kinux faċli anke fid-dawl tal-fatt li fdak kollu li ġie organizzat dejjem ittieħdu l-miżuri kollha neċessarji u meħtieġa skont l-awtoritajiet tas-saħħa pubblika. Però bil-koperazzjoni u bil-kollaborazzjoni ta' dawk kollha involuti, żgur li nistgħu nħarsu lura lejn dak kollu li seħħ b'sodisfazzjon kbir.

Ringrazzjament speċjali jmur lejn dawk kollha li b'xi mod jew ieħor kienu nvoluti fix-xogħol kollu ta' restawr u konservazzjoni tal-istatwa ta' San Ġużepp. Lil dawk il-benefatturi kollha, b'mod partikolari lil dawk l-400 familja li għenu permezz tad-donazzjoni tagħhom b'risq dan l-istess restawr. Lill-artisti Michael u ibnu Adonai Camilleri Cauchi flimkien ma' Mario u wliedu Ruben u Austin Camilleri Cauchi tax-xogħol imprezzabbli li għamlu fuq l-istatwa u reġgħu ħarġu s-sbuħija kollha tal-istess statwa. Lill-Eks Kappillan Dun Gordon Refalo u lill-Kappillan preżenti tal-kooperazzjoni li dejjem sibna kull meta ġejna bżonn. Lill-Kapitlu kollu tal-Katidral tar-Rabat Għawdex b'mod partikolari lill-Arċipriet Mons. Joseph Sultana tal-għajnuna kbira li ta. Lill-Vampa Organisations talli ħadu ħsieb il-ħruq tan-nar tal-ajru minn fuq l-għolja ta' Gelmus. Fl-aħħar u mhux l-inqas nirringrazzjaw ukoll lis-Soċjetà Filarmonika Leone tar-Rabat Għawdex.

Issa li ntemmet ix-xewqa ta' qalbna u l-ħolma tagħna verament issarrfet f'realtà, tassew li bħala poplu Ġużeppin Għaxqi għandna għalfejn inkunu kburin. Issa iktar minn qatt qabel inkomplu nsaħħu dik l-imħabba unika li nislu fina ta' qabilna lejn il-kbir patrijarka missierna San Ġużepp, imħabba unika li turi li ħadd u xejn ma jista' jifred lil Ħal Għaxaq minn ma' San Ġużepp.

**VIVA SAN ĠUŻEPP**

***Tagħrif miġbur mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq***